32003D0575

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-1 ta' Awissu 2003

li temenda id-Deċiżjoni 2001/618/KE biex ikunu nklużi ċerti dipartimenti fi Franza u Provinċja fl-Italja fil-lista ta' Stati Membri u reġjuni li huma ħielsa mill-marda ta' Aujeszky u reġjuni fejn jeżistu programmi għall-qerda tal-marda ta' Aujeszky

(notifikata bid-dokument numru K(2003) 2786)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2003/575/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id- Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar problemi ta' saħħa fl-annimali li jeffettwaw negozju fil-Komunità ta' annimali bovini u qżieqeż [1],kif emendata l-aħħar permezz tar-regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1226/2003 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) u l-Artikolu 10(2) tiegħu

Billi:

(1) Il-garanziji addizzjonali marbuta mal-marda Aujeszky fin-negozju ġewwa l-Komunità ta' qżieqez, u l-lista ta' territorji fl-Istati Membri li huma ħielsa minn din il-marda u fejn jeżistu programmi approvati għall-kontroll tal-mard, huma stabbiliti permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/618/KE [3], kif l-aħħar emendata permezz tad-Deċiżjoni Nru 2003/130/KE [4].

(2) Programm għall-eradikazzjoni tal-marda Aujeszky kien implimentat fi Franza għal numru ta' snin. Numru ta' dipartimenti Franċiżi huma rikonoxxuti bħala li huma ħielsa mill-mard permezz tad-DeċIżjoni Nru 2001/618/KE.

(3) Skond l-artikolu 10 tad-Direttiva 64/432/KEE, Franza ssottomettiet issa dokumentazzjoni ta' sapport lill-Kummissjoni li turi li d-Dipartimenti li ġejjin huma ħielsa mill-marda ta' Aujeszky Alpes-de-Haute-Provence, Alpes-Maritimes, Ardèche, Haute-Savoie, Isère, Manche, Mayenne, Seine-et-Marne u Yvelines.

(4) Il-programmi ta' qerda jitqiesu li kellhom suċċess fil-qerda tal-marda minn dawk id-Diparimenti Franċiżi.

(5) Skond l-artikolu 9 tad-Direttiva 64/432/KE, Franza ssottomettiet ukoll dokumentazzjoni fir-rigward tal-programm ta' qerda li jeżisti fid-Dipartimenti ta' Ain, Côtes-d'Armor, Finistère, Ille-et-Vilaine, Morbihan and Nord u talbu l-approvazzjoni ta' dan il-programm.

(6) Skond l-artikolu 9 tad-Direttiva 64/432/KE, l-Italja ssottomettiet dokumentazzjoni fir-rigward tal-programm ta' qerda li jeżisti fil-Provinċja ta' Bolzano u talbet l-approvazzjoni ta' dan il-programm.

(7) Id-Deċiżjoni Nru 2002/618/KE għandha għalhekk tiġi emendata għal din ir-raġuni.

(8) Il-miżuri li tipprovdi għalihom din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-saħħa ta' l-Annimali,

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Annessi I u II għad-Deċiżjoni 2001/618/KE huma mibdula bit-test fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Awissu 2003.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, 1 ta' Awissu 2003.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU C 121, tad-29.7.1964, p. 1977/64.
[2] ĠU L 179, tad-9.7.2, p. 13.
[3] ĠU L 215, tad-9.8.1, p. 48.
[4] ĠU L 52, tas-27.2.3, p. 9.

ANNESS

"ANNESS I

L-Istati Membri jew reġjuni tagħhom ħielsa mill-marda ta' Aujeszky u fejn it-tilqim huwa projbit

id-Danimarka:	Ir-reġjuni kollha.
il-Ġermanja:	Ir-reġjuni kollha.
Franza:	Id-Dipartimenti ta' Aisne, Allier, Alpes-de-Haute-Provence, Alpes-Maritimes, Ardèche, Ardennes, Ariège, Aube, Aude, Aveyron, Bas-Rhin, Bouches-du-Rhône, Calvados, Cantal, Charente, Charente-Ariège, Aube, Aude, Aveyron, Bas-Rhin, Bouches-du-Rhône, Calvados, Cantal, Charente, Charente-Maritime, Cher, Corrèze, Côte-d'Or, Creuse, Deux-Sèvres, Dordogne, Doubs, Drôme, Essonne, Eure, Eure-et-Loir, Gard, Gers, Gironde, Hautes-Alpes Hauts-de-Seine, Haute Garonne, Haute-Loire, Haute-Marne, Hautes-Pyrénées, Haut-Rhin, Haute-Saône, Haute-Savoie, Haute-Vienne, Hérault, Indre, Indre-et-Loire, Isère, Jura, Landes, Loire, Loire-Atlantique, Loir-et-Cher, Loiret, Lot, Lot-et-Garonne, Lozère, Maine-et-Loire, Manche, Marne, Mayenne, Meurthe-et-Moselle, Meuse, Moselle, Nièvre, Oise, Orne, Paris, Pyrénées-Atlantiques, Pyrénées-Orientales, Puy-de-Dôme, Réunion, Rhône, Sarthe, Saône-et-Loire, Savoie, Seine-et-Marne, Seine-Maritime, Seine-Saint-Denis, Somme, Tarn, Tarn-et-Garonne, Territoire de Belfort, Val-de-Marne, Val-d'Oise, Var, Vaucluse, Vendée, Vienne, Vosges, Yonne, Yvelines.
il-Lussemburgu:	It-territorju kollu.
l-Awstrija:	Ir-reġjuni kollha.
Il-Finlandja	Ir-reġjuni kollha.
L-Isvezja	Ir-reġjuni kollha
ir-Renju Unit:	Ir-reġjuni kollha fl-Ingilterra, l-Iskozja u Wales.

ANNESS II

L-Istati Membri u reġjuni tagħhom fejn jeżistu programmi approvati għall-kontroll tal-marda ta' Aujeszky.

Belġju:	It-territorju kollu.
Franza:	Id-dipartimenti ta' Ain, Côtes-d'Armor, Finistère, Ille-et-Vilaine, Morbihan, Nord, Pas-de-Calais.
L-Italja	Il-Provinċja ta' Bolzano.
l-Olanda:	It-territorju kollu."